# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar, 2002**

**Numru 57**

**Cit. Nru. 101/99 GV**

**Alfred Vella f'ismu proprju u ghan-nom tax-Xemxija Hotels Limited**

**vs**

**Charles Michael Gauci**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-attur proprio et nomine ipproceda kontra l-konvenut bis-segwenti att tac-citazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili:-

> "L-attur proprio et nomine ppremetta illi hu ilu mill-1982 jiggestixxi l-lokal 'Natasha' maghruf ukoll bhala 'Ix-Xemxija' li jinsab f'Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar, kif jirrizulta minn tlett

'agreements' konsekuttivi li kopji taghhom jinsabu hawn annessi (Dokumenti A, B u C), inkluz dak korrenti datat tnejn (2) ta' Jannar 1993 (Dok. C);

Premess illi permezz ta' dan l-ahhar ftehim tat-tnejn (2) ta' Jannar 1993 il-licencee Paul David Gauci hatar lill-attur proprio et nomine bhala amministratur generali ta' 'Natasha Snack Bar' (maghruf ukoll bhala 'Ix-Xemxija') u sahansitra obbliga ruhu li ma jindahal taht l-ebda cirkostanza fl-amministrazzjoni tal-lokal;

Premess illi skond il-klawsola 5 tal-ftehim Paul David Gauci intrabat li bl-ebda mod ma jostakola lil Alfred Vella f'dak kollu li jirrigwarda r-relazzjonijiet tal-imsemmi Alfred Vella mal-Pulizija, w awtorizza lil Alfred Vella illi jidher ghan-nom tieghu ghal dak kollu li jirrigwarda l-permessi relattivi ghal-lokal;

Premess Paul David Gauci miet f'Ottubru 1998 fl-Istati Uniti tal-Amerika, u l-kirja ghalhekk ghaddiet b'wirt favur ibnu, il-konvenut Charles Michael Gauci, li gie rikonoxxut bhala inkwilin mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

Premess illi biex ir-rikorrent jopera l-lokal 'Natasha', huwa jhaddem diversi persuni li jaqilghu l-ghixien taghhom minn hemm.

Premess illi l-konvenut, ghalkemm gie rikonoxxut bhala kerrej bhala konsegwenza tas-successjoni ta' missieru, qed jirrifjuta li jonora d-drittijiet koncessi minn missieru lill-attur; il-konvenut irid id-drittijiet izda mhux l-obbligi.

Premess illi l-konvenut ivvanta dan fi Protest gudizzjarju pprezentat fit-tmienja (8) ta' Jannar 1999.

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li in forza ta' skrittura privata tat-tnejn (2) ta' Jannar 1993 (Dok. C) l-attur ghandu drittijiet ta' amministrazzjoni generali, kollox kif hemm spjegat fid-Dokument C.
2. Tiddikjara li l-attur ghandu dritt ikompli fl-amministrazzjoni generali tal-fond 'Natasha' koncessa lilu minn missier il-konvenut.

   Tordna lill-konvenut jirrispetta l-pattijiet u obbligi assunti minn missieru l-mejjet Paul David Gauci favur l-attur, skond l-iskrittura privata Dokument C".

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni stante li l-gudizzju mhuwiex integru ghaliex l-attur ma nkludhiex lill-martu Mary fil-kawza;

2. Illi t-talbiet tal-attur proprio et nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi fil-fatt l-attur gie nominat bhala 'substitute' tal-kerrej u licensee Paul David Gauci, u mal-mewt ta' Paul David Gauci, l-attur fattwalment u logikament gie mnezza mill-attijiet kollha amministrattivi li seta' kellu bil-ftehim ta' tnejn (2) ta' Jannar 1993;

Bhala fatt il-licenzja ta' substitute ghas-sena 1999 ma setghetx tigi rinovata ghas-semplici raguni l-licensee u l-kerrej kien mejjet;

Bhala fatt ukoll l-amministratur (dejjem fil-kwadru ta' amministratur ta' bar u restaurant fit-terminu tal-ligi, cioe' substitute) ma jibqax jopera ghaliex min kien li nnominah, illicenzjah u qabdu x-xoghol ma setax ikompli jaghmel hekk peress li miet;

4. Illi fid-dritt l-attur ma jista jivvanta l-ebda dritt ghaliex legalment ma kellux u anqas jista jkollu favur tieghu ta' l-kirja u anqas il-licenzja tal-fond 'de quo' ghalhekk ma jistax jiggestixxi n-negozju;

5. Illi l-ebda ftehim, ma jista jmur kontra l-principji tal-ligi u l-Qorti ma tistax tordna lill-konvenut imur kontra l-ligi u jirrispetta l-pattijiet u obbligi allegatament assunti minn missieru fi ftehim skabruz, liema ftehim jaqa' mal-mewt ta' min iffirmah;

6. Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur proprio u nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu".

**Decide**

B’sentenza tal-31 ta’ Mejju, 2000, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi prevja li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> **“TALBA**
>
> L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti
>
> tiddikjara li in forza ta’skrittura privata tat-tnejn (2) ta’ Jannar 1993 l-attur ghandu drittijiet ta’ amministrazzjoni generali tal-post ‘Natasha’;
>
> tiddikjara li l-attur ghandu dritt ikompli fl-amministrazzjoni generali tal-fond ‘Natasha’ koncessa lilu minn missier il-konvenut;
>
> tordna lill-konvenut jirrispetta l-pattijiet u obbligi assunti minn missieru l-mejjet Paul David Gauci favur l-attur.
>
> **ECCEZZJONIJIET**
>
> Il-konvenut eccepixxa
>
> li preliminarjament in-nullita’ tac-citazzjoni stante li l-gudizzju mhux integru ghaliex l-attur ma inkludiex lil martu Mary fil-kawza;
>
> It-talba attrici hija nfondata billi l-attur gie nominat bhala substitute tal-kerrej u licensee Paul David Gauci u mal-mewt tieghu l-attur gie mnezza mill-attijiet kollha amministrattivi li seta kellu bil-ftehim tat-tnejn (2) ta’ Jannar 1993. Bhala fatt il-licenzja ta’ substitute ghas-sena 1999 ma setghetx tigi rinovata ghar-

raguni li l-licensee u l-kerrej kien mejjet. L-amministratur (dejjem fil-kwadru ta' amministratur ta' bar u restaurant fit-termini tal-ligi cioe' substitute) ma jibqax jopera ghaliex min kien li nnominah, licenzjah u qabdu x-xoghol ma setax ikompli jaghmel hekk peress li miet.

Fid-dritt l-attur ma jistax jivvanta ebda dritt billi legalment ma kellux u lanqas jista jkollu favur tieghu l-kirja u lanqas il-licenzja tal-fond de quo ghalhekk ma jistax jiggestixxi n-negozju.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dina l-kawza hi konnessa mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi 248/99 u l-provi li instemghu f'dika l-kawza japplikaw ghal din l-kawza wkoll.

Illi l-mertu taz-zewg kawzi huwa identiku ghalkemm it-talbiet huma differenti.

Illi in vista tal-konkluzzjoni raggjunta f'dika l-kawza".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Minn din is-sentenza naturalment appella l-attur proprio et nomine b'aggravju li hu identiku ghal dak minnu avanzat kontra s-sentenza fl-ismijiet inversi moghtija mill-istess Qorti kif presjeduta fil-31 ta' Mejju, 2000, (Cit. Nru. 248/99 GV). Iz-zewg kawzi nfatti, li jirrigwardaw l-istess mertu identiku gew trattati kontestwalment mill-ewwel Qorti, u minnha, simultanjament, decizi. L-aggravju ta' l-appellant proprio et nomine f'din il-kawza hu nfatti *computer print-out* ta' l-aggravju fil-kawza l-ohra. Din il-Qorti ma jehtigilha zzid xejn mal-konsiderandi li hi ghamlet fis-sentenza f'dik it-tieni kawza biex tiddetermina l-prezenti appell. Il-konsiderazzjoni taghha f'dik il-kawza kellhom japplikaw mutatis

mutandis ghall-appell f'din il-kawza u l-Qorti necessarjament ghandha tasal ghall-istess konkluzzjoni, dik cioe' illi l-appell ma kien bl-ebda mod sostnut fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi u ghall-motivi dedotti minn din il-Qorti fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet inversi Citaz. Nru. 248/99 GV deciza wkoll illum, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-attur appellant.

Dep/Reg

mm